

## Mistoqsija għal tweġiba orali O-000061/2016

### lill-Kummissjoni

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

**Anne-Marie Mineur, Rina Ronja Kari, Helmut Scholz, Dennis de Jong, Josu Juaristi Abaunz, Martina Anderson, Liadh Ní Riada, Matt Carthy, Lynn Boylan, Anja Hazekamp, Stefan Eck, Eleonora Forenza, Stelios Kouloglou, Kostas Chrysogonos, Kostadinka Kuneva, Dimitrios Papadimoulis, Sofia Sakorafa, Paloma López Bermejo, Marina Albiol Guzmán, Javier Couso Permuy, Malin Björk, Neoklis Sylikiotis, Merja Kyllönen**

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Suġġett: Dwar l-iżvelar tal-verżjoni konsolidata ta' kapitolu tat-TTIP

Sa mill-2013 il-Kummissjoni kienet qed tinnegozja mal-Istati Uniti s-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP). Mhux previst li jsir ebda skrutinju ta' dan il-proċess ta' negozjati mill-Parlament. F'Marzu 2016 ġie żvelat test konsolidat tal-kapitolu dwar il-kooperazzjoni regolatorja li jikkonċerna direttament lill-Parlament. Dan l-iżvelar deher fuq diversi ġurnali Ewropej<sup>1</sup>. Il-Parlament qed jitlob li jkollu d-dritt ta' skrutinju f'din il-materja, għaliex taffettwa l-proċess leġiżlattiv tal-Unjoni.

1. It-test żvelat dwar kapitolu konsolidat dwar il-kooperazzjoni regolatorja juri li l-awtoritajiet regolatorji tal-parti l-oħra jistgħu "jipprovdu [...] opportunitajiet għal kooperazzjoni u għal skambju ta' informazzjoni, fl-aktar stadju bikri possibbli [...]". B'hekk, l-awtoritajiet regolatorji tal-Istati Uniti jistgħu "jirrifjutaw" objettivi regolatorji "li aktarx ikollhom impatt sinifikattiv fuq il-kummerċ jew l-investment", anke qabel ma l-Kummissjoni tkun bagħtet komunikazzjoni lill-Parlament u lill-Kunsill. Kif se tiżgura l-Kummissjoni r-rwol tal-Parlament fi ħdan il-proċedura tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE, u l-iskrutinju tiegħu fuq il-proċessi regolatorji tal-UE kif imniżżel fit-trattati?
2. Kif previst fit-test konsolidat, hemm qbil dwar "valutazzjonijiet tal-impatt regolatorju" biex ikun żgurat li kwalunkwe att regolatorju hu effettivament meħtieġ. Fil-bażi ta' dawn il-verifiki meħtieġa hemm il-prijnċipju li kull att irid "jirrelata ma' standards regolatorji maqbula b'mod internazzjonali", "li jittieħed kont tal-approċċi regolatorji tal-parti l-oħra" u valutazzjoni dwar kif l-atti "għandhom impatt fuq il-kummerċ jew l-investment internazzjonali". Il-Kummissjoni hi konxja li dan il-mekkaniżmu jagħti influenza bla preċedent lil uffiċjali mhux eletti tal-gvern taż-żewġ partijiet fuq l-atti regolatorji li jistgħu jitqiesu bħala ostakli għall-kummerċ jew l-investment, inklużi atti għall-ħarsien tal-ambjent u tal-istandards soċjali?
3. Il-Kummissjoni tikkondividi l-opinjoni li l-verifiki meħtieġa msemmija fit-tieni mistoqsija jistgħu jipperikolaw id-dritt ta' dawk li jfasslu l-liġijiet fil-livelli kollha tal-gvern biex jirregolaw?

Imressqa: 4.4.2016

Mgħoddija: 6.4.2016

L-iskadenza għat-tweġiba: 13.4.2016

<sup>1</sup> 'US-Vetorecht für EU-Gesetze?', Der Spiegel, 11 ta' Marzu 2016; 'TTIP: EU und USA wollen einander über geplante Gesetze informieren', Der Standard, 12 ta' Marzu 2016; 'Under TTIP skal EU og USA koordinere love i al fremtid', Information, 14 ta' Marzu 2016; 'TTIP: Big business and US to have major say in EU trade deals, leak reveals', Independent, 17 ta' Marzu 2016.